KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fid-19 ta' Jannar 2016[1]

**Kawża C-470/14**

**Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA),
Derechos de Autor de Medios Audiovisuales (DAMA),
Visual Entidad de Gestión de Artistas Plásticos (VEGAP)
vs
Administración del Estado**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 5(2)(b) — Dritt ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Kopja privata — Kumpens ġust — Finanzjament mill-baġit tal-Istat"

## Introduzzjoni

1. Skont l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem[2]:

"1. Kull persuna għandha dritt tipparteċipa b'mod liberu fil-ħajja kulturali tal-komunità, tgawdi l-arti u tipparteċipa fil-progress xjentifiku u fil-benefiċċji li jirriżultaw minnhom.

2. Kulħadd għandu dritt għall-protezzjoni tal-interessi morali u materjali li jirriżultaw minn kwalunkwe produzzjoni xjentifika, letterarja jew artistika li tagħha huwa l-awtur."

2. Dan l-artikolu tad-Dikjarazzjoni jirrifletti dik li x'aktarx hija d-dilemma prinċipali tad-drittijiet tal-awtur, jiġifieri li tiġi rrikonċiljata l-protezzjoni neċessarja tal-proprjetà intellettwali tal-awturi, tal-produtturi u tal-interpreti mal-aċċess liberu u universali għall-kultura. Huwa preċiżament dan il-bilanċ li jfittex li jissalvagwarda l-leġiżlatur meta jimponi fuq id-drittijiet tal-awtur ċerti limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet. L-eċċezzjoni, jew il-limitazzjoni, msejħa "ta' kopja privata", fil-qalba ta' din il-kawża, hija waħda minnhom[3].

3. Għalkemm, fl-opinjoni tiegħi, ma għadx hemm dubju dwar in-neċessità u l-fondatezza tal-eċċezzjoni inkwistjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, il-kwistjoni tar-remunerazzjoni jew tal-kumpens għad-dannu li jirriżulta minnha għad-detenturi tad-drittijiet, li tinkludi dik tal-modalitajiet ta' finanzjament ta' dan il-kumpens, fil-preżent toħloq diskussjoni ħajja f'diversi pajjiżi, li ħafna minnhom huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Dikjarazzjoni adottata f'Pariġi fl-10 ta' Diċembru 1948 bir-Riżoluzzjoni 217 A (III) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

3 — Il-konkordanza bejn l-Artikolu 27 tal-imsemmija dikjarazzjoni u l-eċċezzjoni ta' kopja privata ġiet ikkummentata minn Marcinkowska, J., "Dozwolony użytek w prawie autorskim – Podstawowe zagadnienia", Kraków, 2004. Ara wkoll, dwar ir-relazzjoni bejn id-dritt għall-kultura u d-drittijiet tal-awtur, Matczuk, J., "Prawo do kultury v. prawo autorskie – nieuchronny konflikt czy nadzieja na koncyliację?", *Prace z prawa własności intelektualnej*, 2015, Sezzjoni 127, p. 36 sa 51.

4. L-eċċezzjoni ta' kopja privata, irrikonoxxuta wkoll fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, kienet is-suġġett, minn xi snin ilu 'l hawn, ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-kawża, filwaqt li tidħol f'din il-kontinwità, turi wkoll bdil possibbli fl-evoluzzjoni ta' din il-ġurisprudenza. Is-soluzzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tagħti f'dan il-każ fil-fatt ser tistabbilixxi l-marġni ta' manuvra tal-leġiżlaturi nazzjonali u, indirettament, dak tal-leġiżlatur tal-Unjoni, sabiex jiġi fformulat mill-ġdid il-qafas ġuridiku tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-modalitajiet alternattivi ta' finanzjament tal-kumpens dovut minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata fir-rigward tal-mudell li huwa attwalment dominanti, tal-inqas fis-sistemi ġuridiċi tal-Ewropa kontinentali, jiġifieri l-mudell tat-tariffa miġbura fuq it-tagħmir elettroniku.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

5. Fid-dritt tal-Unjoni, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati (li minn issa 'l quddiem ser insejjaħ, għall-qosor "drittijiet tal-awtur") huma rregolati prinċipalment mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni [4]. Skont l-Artikoli 2 u 5(2)(b) u (5) ta' din id-direttiva:

"*Artikolu 2*

Dritt ta' riproduzzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(ċ) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

(d) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar tal-films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

(e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, ta' l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet ikunu trasmessi bil-fili jew bl-arja, inkluż bil-cable jew bis-satellita.

[…]

*Artikolu 5*

Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

[…]

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

b) rigward riproduzzjonijiet ta' kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust […];

[…]

5. L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet."

*Id-dritt Spanjol*

6. Fid-dritt Spanjol, l-eċċezzjoni (limitazzjoni skont id-dritt Spanjol) ta' kopja privata hija rregolata mill-Artikolu 31(2) tat-test irriformulat tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali (Ley de Propiedad Intelectual), approvata bid-Digriet Irjali Leġiżlattiv 1/1996 li japprova t-test irriformulat tal-Liġi dwar il-proprjetà intellettwali, li tistabbilixxi, tispeċifika u tarmonizza d-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ f'dan il-qasam (Real Decreto Legislativo 1/1996 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Propiedad Intelectual, regularizando, aclarando y armonizando las disposiciones legales vigentes sobre la materia), tat-12 ta' April 1996.

7. F'dak li jirrigwarda l-kumpens għad-danni li jirriżultaw minn din l-eċċezzjoni għad-detenturi ta' drittijiet tal-awtur, dan huwa rregolat mill-Artikolu 25 tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali. Dan il-kumpens kien inizjalment iffinanzjat permezz ta' tariffa miġbura fuq ċerti mezzi u tagħmir li jippermettu li jsiru kopji ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur. L-imsemmija tariffa tneħħiet bis-saħħa tal-għaxar dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Liġi Rjali 20/2011 li jirrigwarda miżuri baġitarji, fiskali u finanzjarji urġenti intiżi sabiex jikkorreġu l-iżbilanċ pubbliku (Real Decreto-ley 20/2011 de medidas urgentes en materia presupuestaria, tributaria y financiera para la corrección del déficit público), tat-30 ta' Diċembru 2011 u ġiet issostitwita minn kumpens iffinanzjat direttament mill-baġit tal-Istat, li l-modalitajiet ta' kalkolu u ta' ħlas tiegħu lid-detenturi tad-drittijiet kellhom jiġu stabbiliti b'digriet ta' implementazzjoni [5].

8. Din id-delega ta' setgħa ġiet implementata permezz tad-Digriet Irjali 1657/2012 dwar il-proċedura għall-ħlas tal-kumpens ġust għal kopja privata ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Istat (Real Decreto 1657/2012 por el que se regula el procedimiento de pago de la compensación equitativa por copia privada con cargo a los Presupuestos Generales del Estado), tas-7 ta' Diċembru 2012 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali 1657/2012"). L-Artikolu 3 ta' dan id-digriet jipprevedi:

"L-ammont xieraq sabiex jiġi kkumpensat id-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet ta' riproduzzjoni minħabba l-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata ddefinita fl-Artikolu 31 tat-test ikkodifikat tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali, approvat bid-Digriet Irjali Leġiżlattiv 1/1996, tat-12 ta' April 1996, huwa stabbilit, fil-limiti baġitarji stabbiliti għal kull sena finanzjarja, permezz ta' digriet tal-ministru tal-edukazzjoni, tal-kultura u tal-isport, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4.

L-ammont tal-kumpens huwa stabbilit abbażi ta' stima tad-dannu effettivament ikkawżat lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minħabba r-riproduzzjoni minn persuni fiżiċi, fuq kull tip ta' mezz, ta' xogħlijiet diġà żvelati li għalihom dawn kellhom aċċess b'mod legali, skont it-termini previsti fl-Artikolu 31 tat-test ikkodifikat tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali.

[…]"

5 — Dwar is-sostituzzjoni, fi Spanja, tat-tariffa inkwistjoni minn kumpens mill-baġit ġenerali tal-Istat, ara, b'mod partikolari, Xalabarder, R., "The abolishment of copyright levies in Spain. A consequence of Padawan?", *Tijdschrift voor auteurs-, media- & informatierecht*, Nru 6/2012, p. 259 sa 262.

**Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, il-proċedura u d-domandi preliminari**

9. Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA), Derechos de Autor de Medios Audiovisuales (DAMA) u Visual Entidad de Gestión de Artistas Plásticos (VEGAP) huma soċjetajiet Spanjoli għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fis-7 ta' Frar 2013, ippreżentaw rikors kontra d-Digriet Irjali 1657/2012 quddiem it-Tribunal Supremo (qorti suprema). Soċjetajiet oħra għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [6] sussegwentement ġew awtorizzati jipparteċipaw fil-proċedura.

10. L-Administración del Estado, il-konvenuta fil-kawża prinċipali, hija sostnuta mill-Asociación Multisectorial de Empresas de la Electrónica, las Tecnologías de la Información y la Comunicación, de las Telecomunicaciones y de los contenidos Digitales (Ametic), li hija assoċjazzjoni li tiġbor impriżi li joperaw fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.

11. Insostenn tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu b'mod partikolari li d-Digriet Irjali 1657/2012 ma huwiex kompatibbli, f'żewġ aspetti, mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-ewwel lok, huma jsostnu, essenzjalment, li din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-kumpens ġust mogħti lid-detenturi tad-drittijiet minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata jitħallas, tal-inqas finalment, mill-persuni li ħolqu d-dannu kkawżat minn din l-eċċezzjoni għad-dritt tagħhom ta' riproduzzjoni esklużiva, filwaqt li s-sistema stabbilita bl-għaxar dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Liġi Rjali 20/2011 u bid-Digriet Irjali 1657/2012 timputah lill-baġit tal-Istat, u għalhekk jitħallas mill-persuni taxxabbli kollha. Fit-tieni lok, huma jargumentaw, sussidjarjament u essenzjalment, li n-natura ġusta ta' dan il-kumpens ma hijiex żgurata mid-dritt Spanjol, sa fejn l-Artikolu 3 tad-Digriet Irjali 1657/2012 jipprevedi li r-riżorsi annwali allokati għall-finanzjament tiegħu huma suġġetti għal limitu massimu *ex ante*, filwaqt li d-dannu effettivament ikkawżat lid-detenturi tad-drittijiet mill-kopja privata jista' jiġi stabbilit biss *ex post*.

12. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Sistema ta' kumpens ġust għal kopja privata li, filwaqt li tibbaża l-istima tagħha tal-ammont tal-kumpens fuq id-dannu effettivament ikkawżat, hija ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Istat, b'tali mod li ma huwiex possibbli li jiġi ggarantit li l-ispiża ta' dan il-kumpens tiġi sostnuta mill-utenti ta' kopji privati, hija konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva, il-fatt li l-ammont totali allokat mill-baġit ġenerali tal-Istat għall-kumpens ġust għal kopja privata, minkejja li jkun ikkalkolat fuq il-bażi tad-dannu effettivament ikkawżat, għandu jiġi stabbilit fil-limiti baġitarji stabbiliti għal kull sena finanzjarja, huwa konformi mad-Direttiva 2001/29?"

13. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Ottubru 2014. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-intervenjenti fil-kawża prinċipali [7], mill-Gvern Spanjol, mill-Gvern Grieg, mill-Gvern Finlandiż u mill-Gvern Norveġiż [8], kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet, ħlief il-Gvern Norveġiż u dak Franċiż, kienu rrappreżentati fis-seduta, li nżammet fl-1 ta' Ottubru 2015.

6 — Artistas Intérpretes, Sociedad de Gestión (AISGE), Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO) kif ukoll Sociedad General de Autores y Editores (SGAE), Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI) u Entidad de Gestión, Artistas, Intérpretes o Ejecutantes, Sociedad de Gestión de España (AIE).

7 — Kemm dawk li jagħtu sostenn lir-rikorrenti kif ukoll dawk li jagħtu sostenn lill-konvenuta.

8 — Ir-Renju tan-Norveġja huwa marbut bid-Direttiva 2001/29 bħala Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

## Analiżi

14. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kumpens ġust hemm imsemmi jistax ikun iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Istat, mingħajr ma jkun jista' jinġabar mingħand l-utenti li jagħmlu kopji privati ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur. Din id-domanda tirrikjedi li jiġu analizzati mhux biss id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29, iżda wkoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kumpens minħabba l-kopja privata u dwar is-sistema ta' finanzjament tiegħu. Huwa biss fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din l-ewwel domanda li jkun hemm lok li tiġi diskussa t-tieni domanda preliminari. Ser nibda l-analiżi tiegħi billi nfakkar fil-qosor il-pożizzjoni li għandha l-eċċezzjoni ta' kopja privata fis-sistema tad-drittijiet tal-awtur.

*L-eċċezzjoni ta' kopja privata bħala istituzzjoni tad-drittijiet tal-awtur*

15. L-eċċezzjoni ta' kopja privata, taħt diversi ismijiet, hija prattikament antika daqs il-protezzjoni legali tad-drittijiet tal-awtur fl-Ewropa kontinentali [9]. Normalment jingħataw żewġ ġustifikazzjonijiet għaliha, waħda ta' natura assjoloġika, l-oħra ta' natura prattika. Minn naħa waħda, fid-dawl tal-interess pubbliku tal-aċċess għall-kultura, il-possibbiltà li jsiru kopji ta' xogħol għall-użu privat tagħmel parti mit-tgawdija libera ta' dan tal-aħħar, ħaġa li l-awtur ma jistax jopponi mingħajr ma jippreġudika d-drittijiet tal-utent [10]. Min-naħa l-oħra, il-kontroll tal-użu li utent jagħmel minn xogħol fl-ambitu privat tiegħu fil-prattika huwa impossibbli, u anki jekk it-teknoloġija fil-preżent tippermetti tali kontroll, dan jirriżulta f'indħil inammissibbli fil-ħajja privata, li hija protetta bħala dritt fundamentali. Barra minn hekk, dan it-tieni aspett joħloq dubju dwar in-natura nfisha tal-eċċezzjoni ta' kopja privata – hija verament eċċezzjoni għad-drittijiet esklużivi tal-awtur, jew limitu naturali għal dawn id-drittijiet, peress li d-drittijiet tal-awtur fil-fatt jikkonċernaw biss l-isfruttament ta' xogħlijiet fl-ambitu pubbliku? [11]

16. Huwa wkoll ġeneralment aċċettat li l-użu ta' xogħol fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' kopja privata huwa b'xejn [12]. Fil-bidu, l-eċċezzjoni ta' kopja privata ma kienet akkumpanjata mill-ebda remunerazzjoni jew kumpens għad-detenturi tad-drittijiet. Fil-fatt kien ikkunsidrat li ma kienet tikkawża l-ebda dannu fir-rigward tad-drittijiet materjali tagħhom. Is-sitwazzjoni nbidlet bl-introduzzjoni ta' mezzi tekniċi, disponibbli għall-pubbliku ġenerali, li jippermettu li jsiru kopji ta' xogħlijiet protetti fi kwantitajiet kbar u b'mod awtomatiku. Dawn il-mezzi tekniċi, jiġifieri fotografiċi (reprografiċi), analoġiċi u reċentement diġitali, kellhom effett fuq l-isfruttament ekonomiku tax-xogħlijiet mid-detenturi tad-drittijiet. Wara dan l-iżvilupp, diversi pajjiżi introduċew fis-sistema ġuridika tagħhom mekkaniżmu ta' kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata [13]. Il-maġġoranza ta' dawn il-mekkaniżmi kienu bbażati fuq tariffa miġbura fuq il-mezzi ta' reġistrazzjoni u t-tagħmir elettroniku.

9 — Sabiex nieħu biss l-eżempju li huwa l-iktar qrib tiegħi, dak tad-dritt Pollakk, din l-eċċezzjoni, fil-preżent imsejħa "użu privat awtorizzat" ("dozwolony użytek prywatny"), kienet diġà preżenti fil-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur applikabbli f'partijiet differenti tal-Istat Pollakk wara l-kisba mill-ġdid tal-indipendenza fl-1918: il-liġi Awstrijaka tal-1895, il-liġijiet Ġermaniżi tal-1901 u tal-1907, kif ukoll il-liġi Russa tal-1911. Din l-eċċezzjoni sussegwentement tinstab fil-liġi Pollakka dwar id-drittijiet tal-awtur tal-1926 (Artikolu 18), dik tal-1952 (Artikolu 22) u dik tal-1994, attwalment fis-seħħ (Artikolu 23). Ara Sokołowska, D., "Dozwolony użytek prywatny utworów – głos w dyskusji na temat zmiany paradygmatu", *Prace z prawa własności intelektualnej*, 2013, Sezzjoni 121, p. 20 sa 45.

10 — Ma hemmx għalfejn ngħidu li hawnhekk qed nitkellmu biss dwar l-użu leġittimu ta' xogħol akkwistat b'mod leġittimu.

11 — Dwar l-oriġini u l-aspetti teoretiċi tal-eċċezzjoni ta' kopja privata, ara, pereżempju, More, K., "Les dérogations au droit d'auteur. L'exception de copie privée", Presses Universitaires de Rennes 2009, p. 33 *et seq*; Preussner-Zamorska, J., f'Barta, J., (ed.), "System prawa prywatnego. Prawo autorskie", it-tieni edizzjoni, Varsavja 2007, p. 381 *et seq*; Stanisławska-Kloc, S., f'Flisak, D., (ed.), "Prawo autorskie i prawa pokrewne. Komentarz Lex", Varsavja 2015, p. 343 *et seq*, u Vivant, M., Bruguière, J.-M., "Droit d'auteur et droits voisins", it-tieni edizzjoni; Dalloz 2013, p. 486 *et seq*.

12 — Il-kumpens minħabba l-kopja privata normalment jagħmel parti, mhux mid-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-limitazzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtija lill-awturi u lid-detenturi l-oħra, imma mil-leġiżlazzjoni dwar dawn id-drittijiet (ara, pereżempju, l-Artikoli 25 u 31 tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali Spanjola, l-Artikoli L. 122-5 u L. 311-1 tal-kodiċi tal-proprjetà intellettwali Franċiż, jew l-Artikoli 20 u 23 tal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati Pollakka). Għalhekk, la l-ħlas mill-utent u lanqas il-kisba tal-kumpens mid-detentur tad-drittijiet ma jikkundizzjonaw il-benefiċċju ta' din l-eċċezzjoni. Ara, f'dan is-sens, Preussner-Zamorska, J., *op. cit.*, p. 414.

13 — Ara, b'mod partikolari, Astier, H., "La copie privée. Deux ou trois choses que l'on sait d'elle", *Revue internationale du droit d'auteur*, 1986, Nru 128, p. 113 sa 145; Machała, W., "Dozwolony użytek utworów w prawie europejskim i w ustawie o prawie autorskim", *Państwo i prawo*, Nru 12/2004, p. 16 sa 33; Marcinkowska, J., *op. cit.*, p. 219 *et seq*, u Vivant, M., Bruguière, J.-M., *op. cit.*, p. 416.

17. Huwa f'dan il-kuntest ġuridiku li d-Direttiva 2001/29 tfittex li tarmonizza l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, billi tintroduċi, fost l-oħrajn, eċċezzjoni[14] fakultattiva ta' kopja privata, akkumpanjata mill-kundizzjoni li jiġi żgurat kumpens ġust lid-detenturi tad-drittijiet.

*Dwar l-ewwel domanda*

18. L-ewwel domanda, moqrija fil-kuntest tal-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju u fid-dawl tal-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tqajjem problema ta' importanza kbira għall-finanzjament tal-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata fid-dritt Ewropew. Għandu jkun magħruf jekk dan il-kumpens, mhux biss fid-dawl tat-test tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, imsemmi fil-qosor ħafna, iżda wkoll fil-loġika profonda tiegħu kif misluta mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha[15], jistax jieħu forom oħra minbarra dik ta' tariffa li titħallas, fi kwalunkwe każ potenzjalment u finalment, mill-utenti ta' tagħmir li jippermetti li jsiru kopji privati.

19. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-intervenjenti li intervjenew insostenn tagħhom, kif ukoll il-Gvern Grieg u dak Franċiż, jipproponu li r-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv. Huma jibbażaw ruħhom prinċipalment fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li minnha jirriżulta li huwa l-utent li jagħmel il-kopja privata li jrid finalment jiffinanzja, bħala debitur, il-kumpens ġust minħabba l-imsemmija eċċezzjoni. Dan il-prinċipju għalhekk huwa inkompatibbli ma' kull sistema ta' kumpens iffinanzjat mill-baġit tal-Istat.

20. Qabelxejn għandi nindika li ma naqbilx ma' din l-analiżi għal tliet raġunijiet, marbuta, l-ewwel nett, mal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29, it-tieni nett, mal-analiżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward u, it-tielet nett, mal-kunsiderazzjonijiet ta' natura prattika li jikkonċernaw il-funzjonament tas-sistema tat-tariffa fil-kuntest teknoloġiku preżenti.

Dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/29

21. Kif semmejt iktar 'il fuq, id-Direttiva 2001/29 ma ddaħħlitx f'vojt ġuridiku. Għall-kuntrarju, il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur għandha tradizzjoni twila u rikka fl-Istati Membri. Id-Direttiva 2001/29 tfittex li toħloq armonizzazzjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din l-armonizzazzjoni tillimita ruħha għal ċerti regoli ta' natura ġenerali. Fil-fatt, minbarra d-dispożizzjonijiet tekniċi, id-Direttiva 2001/29 tinkludi prinċipalment tliet dispożizzjonijiet materjali, li jobbligaw lill-Istati Membri jagħrfu tliet tipi ta' drittijiet li minnhom jibbenefikaw l-awturi: id-dritt ta' riproduzzjoni (Artikolu 2), id-dritt ta' komunikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni (Artikolu 3) u d-dritt ta' distribuzzjoni (Artikolu 4). Sussegwentement, dawn id-drittijiet huma akkumpanjati minn xi għoxrin eċċezzjoni u limitazzjoni (Artikolu 5) li, apparti dik relatata mar-riproduzzjoni temporanja jew inċidentali f'netwerk informatiku [Artikolu 5(1)], huma fakultattivi.

22. Il-kopja privata tagħmel preċiżament parti minn dawn l-eċċezzjonijiet u minn dawn il-limitazzjonijiet fakultattivi. L-introduzzjoni tagħha mill-Istati Membri hija suġġetta għall-iffissar ta' kumpens ġust favur id-detenturi tad-drittijiet. Id-Direttiva 2001/29 ma titkellimx dwar il-forma, il-modalitajiet ta' kalkolu jew il-finanzjament ta' dan il-kumpens[16]. Huwa għalhekk l-Istat Membru li, jekk jiddeċiedi li jintroduċi fid-dritt nazzjonali tiegħu eċċezzjoni ta' kopja privata (jew, fil-prattika,

14 — Nuża t-terminu "eċċezzjoni" għal raġunijiet ta' kumdità, imma d-Direttiva 2001/29 ma tikkjarifikax id-dubju msemmi fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, għaliex hija titkellem dwar "eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet" mingħajr ma tagħmel distinzjoni bejniethom.

15 — Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi qabel kollox żewġ sentenzi "bażiċi": is-sentenzi Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620) u Stichting de Thuiskopie (C-462/09, EU:C:2011:397). Sussegwentement hija ġiet issupplimentata bis-sentenzi VG Wort *et* (C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:426); Amazon.com International Sales *et* (C-521/11, EU:C:2013:515); ACI Adam *et* (C-435/12, EU:C:2014:254); Copydan Båndkopi (C-463/12, EU:C:2015:144) u, fl-aħħar nett, Hewlett-Packard Belgium, (C-572/13, EU:C:2015:750).

16 — Dan tikkonfermah ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 37).

aktarx li jżommha), għandu jipprovdi kumpens għad-dannu li jista' jirriżulta minn din l-eċċezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. Id-Direttiva 2001/29 lanqas ma tistabbilixxi min huwa d-debitur tal-kumpens, hija tindika biss lill-benefiċjarji. Fil-fatt, hija tillimita ruħha, fl-Artikolu 5(2)(b) tagħha, li tirrikjedi li "d-detenturi jirċievu kumpens" [17].

23. Huwa veru li, fil-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29, il-leġiżlatur semma li l-livell tal-kumpens minħabba ċerti eċċezzjonijiet kellu jiġi kkalkolat billi jittieħed inkunsiderazzjoni d-dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet. Madankollu, f'dak li jikkonċerna l-eċċezzjoni ta' kopja privata, dan id-dannu jieħu l-forma ta' *lucrum cessans*, peress li l-kopja privata tillimita potenzjalment in-numru ta' kopji tax-xogħol mibjugħa [18]. Barra minn hekk, ma huwiex dannu kkonstatat b'ċertezza fuq il-livell ta' kull persuna kkonċernata. Huwa jiġi stmat globalment, abbażi ta' nuqqas ta' qligħ potenzjali tad-detenturi tad-drittijiet kollha. Kif ġustament tenfasizza l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, għalhekk ma hemmx, u ma jistax ikun hemm, rabta diretta bejn l-atti ta' kopja privata u l-kumpens għad-dannu kkawżat lil detenturi tad-drittijiet partikolari.

24. Il-kumpens previst fid-Direttiva 2001/29 lanqas ma huwa remunerazzjoni, peress li l-użu tax-xogħol fil-kuntest ta' kopja privata huwa, bħala prinċipju, bla ħlas. Fl-opinjoni tiegħi, kien apposta li l-leġiżlatur ma użax it-terminu ta' remunerazzjoni, bħal fil-każ tad-Direttiva 2006/115/KE [19], iżda uża dak ta' kumpens.

25. Huwa minnu wkoll li l-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29 tindika li huwa neċessarju li jinżamm bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn dawn tal-aħħar u l-utenti ta' materjal protett. Din il-premessa tispjega, l-ewwel nett, ir-raġunijiet li wasslu lill-leġiżlatur tal-Unjoni jarmonizza, sa ċertu punt, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur li jistgħu jkunu previsti fid-dritt tal-Istati Membri. Sussegwentement, fl-istadju tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/29 fl-ordinamenti ġuridiċi interni, huwa d-dover tal-leġiżlaturi nazzjonali li jibbilanċjaw id-diversi interessi inkwistjoni. Għalhekk, il-leġiżlaturi għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu l-ammont tal-kumpens, li jvarja b'mod sostanzjali minn Stat Membru għall-ieħor, il-mod ta' finanzjament tiegħu, kif ukoll il-modalitajiet ta' tqassim tiegħu bejn id-diversi detenturi tad-drittijiet. Min-naħa l-oħra, il-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29 ma għandhiex tinftiehem bħala dispożizzjoni addizzjonali ta' din id-direttiva, li għandha saħħa ġuridika awtonoma.

26. Id-Direttiva 2001/29 għalhekk ma fihiex regola ġuridikament vinkolanti li permezz tagħha l-bilanċ ġust li għadni kif semmejt jinkludi neċessarjament il-finanzjament tal-kumpens ġust minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata mill-utenti li jagħmlu jew jistgħu jagħmlu tali kopji. Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħi jkun illoġiku li jiġi kkunsidrat li din id-direttiva, li ma toħloqx obbligu li tiġi stabbilita jew le l-eċċezzjoni ta' kopja privata, tirregola l-mod kif jiġi ffinanzjat il-kumpens minħabba din l-eċċezzjoni. Fil-fatt, jekk id-Direttiva 2001/29 tħalli għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri d-deċiżjoni li tiġi introdotta l-eċċezzjoni, li hija deċiżjoni ta' natura iktar ġenerali u ta' portata ikbar, hija għandha iktar u iktar tħallilhom il-possibbiltà li jirregolaw b'mod liberu l-kwistjoni, iktar iddettaljata u teknika, tal-mod ta' finanzjament tal-kumpens. L-uniku rekwiżit impost mid-Direttiva 2001/29 huwa li l-Istat li fih teżisti eċċezzjoni ta' kopja privata jipprovdi kumpens favur id-detenturi tad-drittijiet, u dan, minħabba l-bilanċ ġust imsemmi fil-premessa 31 ta' din id-direttiva.

17 — Ara s-sentenza Stichting de Thuiskopie (C-462/09, EU:C:2011:397, punt 23). Ara wkoll, f'dan is-sens, Karapapa, S., "Padawan v SGAE: a right to private copy?", European Intellectual Property Review, 2011, Vol. 33, Nru 4, p. 252 sa 259.

18 — Ara, f'dan is-sens, Vivant, M., Bruguière, J.-M., *op.cit.*, p. 416.

19 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 376, p. 28).

Dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

27. Skont ir-rikorrenti u l-partijiet li intervjenew insostenn tagħhom fil-kawża prinċipali, li l-opinjoni tagħhom f'din il-proċedura hija kondiviża mill-Gvern Grieg u dak Franċiż, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-kumpens ġust minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata jirriżulta li sistema ta' kumpens iffinanzjat mill-baġit tal-Istat hija inkompatibbli mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, għaliex din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-premessi ta' din id-direttiva u kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tirrikjedi li jkun l-utent li jagħmel jew li jista' jagħmel kopja, u huwa biss, li jiffinanzja dan il-kumpens.

28. Dawn il-partijiet jibbażaw ruħhom prinċipalment fuq estratti mis-sentenza Padawan li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat, abbażi tal-premessi 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29, li l-għan tal-kumpens ġust huwa li d-detenturi tad-drittijiet jiġu kkumpensati għad-dannu potenzjalment subit minħabba l-kopja privata, ikkonkludiet, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-premessa 31 tal-istess direttiva, li l-bilanċ ġust bejn id-diversi interessi inkwistjoni jirrikjedi li jkun l-utent li jista' potenzjalment jagħmel kopji privati, jiġifieri fil-prattika kull xerrej ta' tagħmir li jista' jagħmel tali kopji, li għandu jiffinanzja l-kumpens [20]. Dan ir-raġunament sussegwentement ġie kkonfermat fis-sentenza Stichting de Thuiskopie [21], imbagħad imfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenzi ulterjuri.

29. Madankollu jidhirli li dan il-qari ta' ġurisprudenza la jieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest li fihom ingħataw is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas l-istruttura tar-raġunament tagħha kollu kemm hu. Issa, jekk sabiex tkun riżolta kwistjoni ta' dritt, tintuża bħala bażi l-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma għandux isir billi jinstabu estratti iżolati f'din il-ġurisprudenza li jistgħu jsostnu argument wieħed jew ieħor [22], iżda billi tiġi identifikata linja ġurisprudenzjali ċara u koerenti, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-evoluzzjoni tagħha, u billi sussegwentement jiġi stabbilit jekk din il-linja tistax isservi bħala bażi sabiex jiġu deċiżi l-kawżi l-ġodda.

30. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif ġustament isostnu Ametic, il-Gvern Spanjol, il-Gvern Finlandiż u l-Gvern Norveġiż, kif ukoll il-Kummissjoni, is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sa issa fil-kawżi li jikkonċernaw il-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata jaqgħu fil-kuntest tas-sistema ta' finanzjament ta' dan il-kumpens minn tariffa miġbura fuq it-tagħmir li jista' jservi sabiex isiru tali kopji u li kellhom bħala għan li jsolvu problemi marbuta mal-funzjonament ta' tali sistema.

31. Għalhekk, fis-sentenza Padawan, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat dan ir-raġunament għall-ewwel darba, il-kwistjoni kienet jekk it-tariffa tistax tinġabar fuq it-tagħmir li, minħabba l-fatt li huwa intiż biss għal użu professjonali, ma jistax iservi għall-finijiet ta' kopja privata [23]. Sabiex issolvi din il-kwistjoni, il-qorti tar-rinviju fil-kawża Padawan staqsiet sensiela ta' domandi li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħmel eżerċizzju ta' dekostruzzjoni tal-loġika tas-sistema ta' finanzjament tal-kumpens permezz ta' tariffa fuq it-tagħmir elettroniku. Fil-fatt, fis-sentenza Padawan, il-Qorti

20 — Sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punti 38 sa 45).

21 — C-462/09, EU:C:2011:397, punti 23 sa 29 u l-punt 1 tad-dispożittiv.

22 — Huwa fil-fatt possibbli wkoll li fihom jinstabu argumenti favur l-argument oppost għal dak sostnut mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bħal fil-punt 37 tas-sentenza Padawan, li jipprovdi li, minkejja li l-kunċett ta' kumpens ġust fih innifsu għandu jiġi interpretat b'mod uniformi, id-Direttiva 2001/29 tagħti lill-Istati Membri l-"fakultà […] li jiddeterminaw […] il-forma, *ir-regoli dettaljati tal-finazjament* u l-ġbir kif ukoll il-livell ta' dan il-kumpens […]", jew inkella l-punt 23 tas-sentenza Stichting de Thuiskopie, li jipprovdi li "għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 ma jirregolawx b'mod espliċitu l-kwistjoni dwar min għandu jħallas l-imsemmi kumpens, hekk li l-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw *min għandu jħallas dan il-kumpens ġust*" (enfasi miżjuda minni).

23 — Ara, f'dak li jirrigwarda d-deskrizzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali u tad-dubji tal-qorti tar-rinviju, is-sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 17) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak f'din il-kawża (C-467/08, EU:C:2010:264, punt 21).

tal-Ġustizzja ma llimitatx ruħha li tindika l-utent potenzjali bħala d-debitur tal-kumpens, assimilat mat-tariffa, iżda żviluppat ir-raġunament tagħha billi aċċettat li, fil-prattika, ma humiex direttament l-utenti li jħallsu t-tariffa/il-kumpens, iżda huma l-produtturi jew il-bejjiegħa ta' tagħmir elettroniku, li sussegwentement jgħaddu l-ispiża korrispondenti fuq il-bejjiegħa – utenti[24].

32. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa l-punt kruċjali li jippermetti li tingħata risposta għad-domanda dwar jekk il-prinċipju "l-utent iħallas" japplikax b'mod ġenerali għal kull sistema ta' finanzjament ta' kumpens ġust, jew biss għas-sistema tat-tariffa.

33. Mal-ewwel daqqa t'għajn, l-aċċettazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' sistema li fiha tariffa tinġabar mill-persuni li jqiegħdu t-tagħmir għad-dispożizzjoni tal-utenti, jiġifieri l-produtturi, l-importaturi u l-kummerċjanti, tista' tidher bħala konċessjoni magħmula għal raġunijiet prattiċi u għad-detriment tal-purezza ġuridika tas-sistema. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi din l-impressjoni hija żbaljata.

34. Fil-fatt, kif semmejt fil-qosor fil-punti 15 u 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, l-eċċezzjoni ta' kopja privata hija ferm iktar antika minn kwalunkwe idea ta' kumpens minħabba din l-eċċezzjoni u l-użu tax-xogħol f'dan il-kuntest huwa, bħala prinċipju, bla ħlas. Kien biss mal-wasla ta' mezzi tekniċi li jippermettu lil persuni privati jagħmlu kopji ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fi kwantitajiet kbar u bi prezz minimu (dawn huma prinċipalment ir-reprografija u r-reġistrazzjoni tal-ħoss, kif ukoll tal-immaġni, fuq tejp manjetiku) li żviluppat il-problema ta' dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet minħabba l-kopja privata fi kwantitajiet kbar.

35. Din il-problema ma setgħetx tiġi riżolta billi tiġi imposta tariffa li tinġabar direttament mingħand l-utenti, kemm minħabba l-impossibbiltà li jiġi kkontrollat b'mod effettiv l-użu ta' xogħlijiet magħmul f'ambitu privat kif ukoll minħabba l-istatus protett ta' dan l-ambitu skont id-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, tali tariffa tirrendi l-eċċezzjoni ta' kopja privata mingħajr skop. Fil-fatt, kieku d-detentur tad-drittijiet seta' jitlob kwalunkwe ħlas mingħand l-utent, ma jibqax każ ta' eċċezzjoni għall-monopolju tal-imsemmi detentur, iżda jkun każ ta' sfruttament normali ta' dan il-monopolju.

36. Għalhekk ġiet introdotta sistema ta' tariffa miġbura fuq il-mezzi u t-tagħmir li jippermettu li jsiru kopji ta' xogħlijiet protetti f'diversi Stati. Ma hijiex biss semplifikazzjoni, għal raġunijiet prattiċi, ta' sistema ta' ġbir ta' ħlas dovut mill-utenti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eċċezzjoni ta' kopja privata, iżda sistema fiha nnifisha, maħluqa sabiex tirrimedja l-konsegwenzi, li jippreġudikaw l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet, tal-iżvilupp enormi ta' dan it-tip ta' kopja.

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din is-sistema hija, bħala prinċipju, konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, bil-kundizzjoni li l-piż finanzjarju tat-tariffa tkun tista' tingħadda fuq ix-xerrej tat-tagħmir. Madankollu, jekk, sabiex tasal għal din il-konstatazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat il-prinċipju li huwa l-utent li jista' jagħmel kopji privati, jiġifieri persuna fiżika li akkwistat tagħmir li jippermetti li jsiru tali kopji, li għandu jitqies li huwa debitur tal-kumpens, dan huwa biss bħala bażi teoretika tas-sistema ta' tariffa miġbura fuq it-tagħmir inkwistjoni.

38. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kontenut stess tar-regola "l-utent iħallas" kif żviluppata u użata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Skont din ir-regola, l-utent għandu "bħala prinċipju" jitqies li huwa debitur tal-kumpens[25]. Fl-opinjoni tiegħi, ir-riżerva "bħala prinċipju" turi b'mod ċar li dan huwa prinċipju teoretiku li, "fil-prattika", huwa dejjem implementat fil-kuntest ta' sistema ta' tariffa miġbura fuq it-tagħmir elettroniku.

24 — Sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punti 46 sa 49).

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 45) u Stichting de Thuiskopie (C-462/09, EU:C:2011:397, punt 1 tad-dispożittiv).

39. Din il-bażi teoretika sussegwentement ippermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi ċerti regoli dwar il-funzjonament tas-sistema tat-tariffa. Għalhekk, fis-sentenza Padawan, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-possibbiltà li tingabar din it-tariffa fuq tagħmir li ma jistax iservi sabiex isiru kopji privati. Fis-sentenza Stichting de Thuiskopie, hija siltet minnha r-regola li t-tariffa għandha titħallas fl-Istat Membru ta' residenza tal-utent finali tat-tagħmir. Fis-sentenza Copydan Båndkopi, hija aċċettat il-ġbir tat-tariffa minħabba kopji magħmula fuq it-tagħmir li jappartjeni lil terz [26].

40. Min-naħa l-oħra, peress li l-prinċipju li l-utent huwa debitur tal-kumpens ma jistax jiġi applikat letteralment għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa ma jistax ikollu saħħa ġuridika proprja. Huwa jista' jiffunzjona biss fil-kuntest ta' sistema ta' finanzjament tal-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata ffinanzjata minn tariffa miġbura minn fuq it-tagħmir li jista' jservi sabiex isiru tali kopji, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, minn qari tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar is-suġġett, jiġi nnotat li dan il-prinċipju dejjem jidher mhux bħala konstatazzjoni ġuridika indipendenti, iżda bħala element ta' raġunament li jwassal għall-konferma tas-sistema tat-tariffa. Kwalunkwe qari ta' din il-ġurisprudenza li jagħti lill-imsemmi prinċipju portata iktar ġenerali, li teskludi sistemi oħra ta' finanzjament tal-kumpens, imur kontra l-loġika tar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja u jmur lil hinn mill-kuntest tad-domandi preliminari li sarulha.

41. Għaldaqstant, ma jidhirlix li jista' jiġi leġittimament dedott mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eċċezzjoni ta' kopja privata li, fid-dritt tal-Unjoni, u iktar preċiżament abbażi tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, jeżisti prinċipju ġenerali li l-kumpens minħabba din l-eċċezzjoni għandu jkun neċessarjament iffinanzjat mill-utenti li jibbenefikaw minnha, b'tali mod li, fil-prattika, l-unika sistema ta' finanzjament ta' dan il-kumpens possibbli tkun is-sistema tat-tariffa miġbura fuq it-tagħmir elettroniku. Barra minn hekk, jien tal-opinjoni li l-iffissar tal-imsemmija tariffa bħala l-unika sistema ta' finanzjament lanqas ma huwa mixtieq għal raġunijiet prattiċi marbuta mal-iżvilupp teknoloġiku preżenti.

Il-funzjonament tas-sistema tat-tariffa u t-tqegħid fid-dubju tagħha fl-ambjent diġitali

42. Fil-mument tal-introduzzjoni tagħha, is-sistema tat-tariffa kienet ibbażata fuq il-premessa li l-utenti li jkunu akkwistaw mezzi ta' reġistrazzjoni u tagħmir elettroniku kienu effettivament jużawhom sabiex jagħmlu kopji fil-kuntest tal-użu privat ta' xogħlijiet. Fl-epoka analoġika, din il-premessa kienet qrib ir-realtà [27]. Għalhekk, it-tariffa intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata kienet, ħlief għal dettalji żgħar, sostnuta fil-fatt minn dawk li kienu jibbenefikaw minn din l-eċċezzjoni.

43. L-introduzzjoni tat-teknoloġija diġitali ġabet taqliba profonda f'dan il-qasam. L-ewwel nett, id-diġitalizzazzjoni tfisser il-konverġenza ta' formats. Minn issa 'l quddiem kollox – it-test, il-ħoss, l-immaġni – jippreżenta ruħu bl-istess format diġitali u għalhekk jista' jiġi rreġistrat permezz tal-istess tagħmir u fuq l-istess mezz. Għalhekk, kompjuter u CD-ROM jistgħu jservu sabiex jiġu rreġistrati kemm dokumenti privati, ritratti tal-familja jew databases personali kif ukoll ktieb taħt format diġitali, reġistrazzjoni mużikali jew xogħol ċinematografiku. It-tieni nett, iċ-ċokon tat-tagħmir elettroniku u t-tnaqqis fil-prezzijiet tiegħu, flimkien mal-iżvilupp tal-internet, ippermettew żieda sinjifikattiva ferm tal-produzzjoni tal-kontenut ta' natura privata, li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur, u t-tixrid wiesa' tiegħu.

26 — Sentenza Copydan Båndkopi (C-463/12, EU:C:2015:144, punt 8 tad-dispożittiv).

27 — Bħala eżempju, studji li saru fi Franza fl-1982 u fl-1983, qabel l-introduzzjoni tat-tariffa għal kopja privata, urew li 90 % ta' tejps awdjo u vidjo ġodda kienu jintużaw sabiex jirreġistraw kopji ta' xogħlijiet protett mid-drittijiet tal-awtur (ara Astier, H., *op.cit.*, p. 114).

44. Għalhekk, f'epoka fejn kull tagħmir elettroniku huwa fil-realtà kompjuter, li għandu kemm funzjonijiet ta' kreazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-kontenut testwali u awdjoviżiv kif ukoll bosta funzjonijiet oħra, il-premessa li x-xerrej ta' tali tagħmir probabbilment ser jagħmel kopji ta' xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur titqiegħed serjament fid-dubju. Ċertament, is-sistema tat-tariffa hija ġġustifikata bil-finzjoni legali li l-akkwirent ta' tagħmir teknoloġiku jitqies li juża l-funzjonijiet kollha ta' dan it-tagħmir, inklużi dawk li jservu sabiex jikkopjaw kontenut li jista' jkun protett bid-drittijiet tal-awtur. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat dan hija stess [28]. Madankollu, kull persuna li użat tagħmir elettroniku modern taf sa liema punt din il-preżunzjoni ma tikkorrispondix għar-realtà, iżda preċiżament għall-finzjoni.

45. Fil-fatt, meta jiġi akkwistat tagħmir li fuqu tkun imposta t-tariffa minħabba l-kopja privata, l-utent jista' jew jagħmel kwantità kbira ta' tali kopji jew ma jagħmel l-ebda waħda u juża t-tagħmir jew sabiex jipproduċi, jirreġistra u jqassam il-kontenut li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur, jew għal finijiet kompletament estranji għall-kreattività intellettwali. Huwa għalhekk impossibbli li jiġi previst l-użu effettiv li utent konkret ser jagħmel minn tagħmir partikolari. L-iktar l-iktar nistgħu nevalwaw il-probabbiltà li parti mit-tagħmir ta' tip partikolari ser jintuża sabiex isiru kopji privati u t-tariffa tinqasam fuq din il-kategorija kollha ta' tagħmir skont din l-istima. Għalhekk, is-sistema ta' kumpens ibbażata fuq it-tariffa tixbah iktar lil sistema ta' mutwalizzazzjoni, li fiha x-xerrejja kollha ta' tali tagħmir isostnu tariffa relattivament minima li sussegwentement tintuża sabiex jiġi ffinanzjat il-kumpens għad-dannu kkawżat minn parti biss minn dawn ix-xerrejja [29]. Barra minn hekk, din il-mutwalizzazzjoni tiġi kkonstatata wkoll min-naħa tad-detenturi tad-drittijiet. Fil-fatt, id-dħul mit-tariffi kollha miġbura huwa ċċentralizzat fil-livell tas-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva, u mbagħad imqassam bejn dawk kollha li jkunu intitolati skont kriterju ddefinit minnhom (jew inkella, f'ċerti Stati, bil-liġi). Din is-sistema hija għalhekk differenti ħafna minn sistema ta' kumpens mill-awtur tad-dannu, li hija sistema klassika fid-dritt ċivil.

46. Is-sistema tat-tariffa lanqas ma tiżgura koerenza perfetta fis-suq intern. L-ewwel nett, peress li l-eċċezzjoni ta' kopja privata hija fakultattiva, ċerti Stati Membri ma jipprovduhiex fis-sistema ġuridika tagħhom u oħrajn ma introduċewx sistema ta' kumpens [30]. It-tieni nett, anki fl-Istati Membri fejn it-tariffa hija prevista, din ma tinġabarx b'mod armonizzat. F'dak li jikkonċerna r-rata tagħha, din tista' tvarja minn wieħed sa ħamsin għal tip ta' tagħmir simili [31]. L-istess japplika għal dak li jirrigwarda l-bażi ta' din it-tariffa, għaliex tinġabar minn diversi kategoriji ta' tagħmir fi Stati Membri differenti.

28 — Sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 55).

29 — Ara, f'dan is-sens, Marino, L., "La (discutable) logique de la redevance pour copie privée", SJEG, Nru 50 (2010), p. 2346 sa 2349. Skont Lucas, A., "Les dits et les non-dits de la copie privée", Propriétés intellectuelles, Nru 43 (2012) p. 232 sa 239, il-prinċipju ta' mutwalizzazzjoni tqiegħed fid-dubju mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Padawan tagħha, meta hija eskludiet il-ġbir tat-tariffa fuq it-tagħmir intiż għal finijiet professjonali. Madankollu, anki l-użu privat ta' dan it-tagħmir ma jfissirx awtomatikament li kull utent jagħmel kopji privati. Fl-opinjoni tiegħi, dejjem jista' jkun hemm sistema ta' mutwalizzazzjoni.

30 — Dawn huma, b'mod partikolari, skont l-informazzjoni li għandi, ir-Repubblika tal-Bulgarija, l-Irlanda, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Repubblika ta' Malta. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq introduċa eċċezzjoni ta' kopja privata fl-2014 mingħajr ma ppreveda kumpens [The Copyright and Rights in Performances (Personal Copies for Private Use) Regulations 2014]. Fil-fatt, huwa kkunsidrat li d-dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet huwa minimu, fatt li ma jnissilx l-obbligu ta' kumpens skont il-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29. Barra minn hekk, din hija l-leġitimazzjoni ta' prattika kurrenti tal-konsumaturi li kienet diġà integrata mid-detenturi tad-drittijiet fil-prezz tax-xogħlijiet ikkomunikati lill-pubbliku (ara Cameron, A., "Copyright exceptions for the digital age: new rights of private copying, parody and quotation", Journal of Intellectual Property Law & Practice, 2014, Vol. 9, Nru 12, p. 1002 sa 1007).

31 — Ara, fost l-oħrajn, Latreille, A., "La copie privée dans la jurisprudence de la CJUE", Propriétés intellectuelles, Nru 55 (2015), p. 156 sa 176, li jagħti l-eżempju tal-ammont tat-tariffa miġbura għal DVD vojt f'diversi Stati Membri.

47. L-iżvilupp teknoloġiku, iktar u iktar rapidu, iqiegħed sfidi ġodda quddiem is-sistema tat-tariffa minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata [32]. It-tariffa miġbura fuq it-tagħmir li jista' jservi sabiex isiru kopji ta' xogħlijiet protett u intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens għad-dannu subit mid-detenturi ta' drittijiet minħabba dawn il-kopji hija soluzzjoni speċifika li tikkorrispondi għal ċertu stadju tal-evoluzzjoni tat-teknoloġiji [33]. Peress li llum din l-evoluzzjoni kompliet iseħħ, il-leġittimità u l-effettività tas-sistema tat-tariffa tqiegħdu fid-dubju f'diversi Stati Membri u qed issir riflessjoni sabiex jinstabu soluzzjonijiet ta' sostituzzjoni [34]. Jien ma naħsibx li huwa mixtieq li din ir-riflessjoni tiġi limitata, jew saħansitra ostakolata, f'isem il-prinċipju ta' "l-utent iħallas" li, fi kwalunkwe każ, kif urejt iktar 'il fuq, jaqa' taħt il-finzjoni legali pura fl-istat preżenti tal-evoluzzjoni teknoloġika.

Il-finanzjament tal-kumpens mill-baġit tal-Istat

48. Fost is-soluzzjonijiet l-oħra maħsuba, hemm il-finanzjament tal-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata direttament mill-baġit tal-Istat. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, dan il-mod ta' finanzjament kien adottat, mhux biss fi Spanja, iżda wkoll fl-Estonja, fil-Finlandja u fin-Norveġja.

49. Fl-analiżi tal-konformità ta' tali sistema mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, din ma għandhiex titqies li hija trasformazzjoni tas-sistema tat-tariffa, li fiha din tal-aħħar, li għaliha huma responsabbli biss il-persuni li jistgħu jagħmlu kopji privati, tiġi sempliċement issostitwita minn kontribuzzjoni tal-persuni taxxabbli kollha, inklużi persuni ġuridiċi, li ma jibbenefikawx mill-eċċezzjoni ta' kopja privata, u l-persuni li qatt ma akkwistaw xi tagħmir li jaqa' taħt din it-tariffa.

50. Huwa minnu li d-dħul tal-baġit jiġi prinċipalment mit-taxxi diretti u indiretti mħallsa mill-persuni taxxabbli kollha. Dawn it-taxxi jinġabru mill-Istat abbażi ta' dritt li jikkostitwixxi sa minn dejjem waħda mill-prerogattivi prinċipali tal-awtorità pubblika. Barra minn hekk, l-Istat, bis-saħħa tal-istess dritt ibbażat fuq is-sovranità tiegħu, jiddeċiedi dwar it-tqassim tal-fondi hekk miġbura. Huwa għalhekk korrett li l-persuni taxxabbli kollha jipparteċipaw fil-finanzjament tal-ispejjeż kollha tal-Istat. Madankollu, ma hemmx rabta diretta bejn it-taxxa mħallsa minn persuna taxxabbli partikolari u spiża waħda jew oħra tal-baġit, għaliex l-intermedjarju tal-baġit jikser preċiżament din ir-rabta. Hemm biss il-ġbir tat-taxxa, minn naħa waħda, u l-ispejjeż tal-baġit, min-naħa l-oħra. Id-dħul baġitarju ma huwiex allokat għal spejjeż konkreti u, bl-istess mod, persuna taxxabbli ma tistax toġġezzjona għall-allokazzjoni tal-flus "tagħha" għall-finanzjament ta' spiża konkreta.

51. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-kawża preżenti, ma hemmx għalhekk rabta bejn it-taxxi mħallsa mill-persuni taxxabbli, inklużi dawk li, bħall-persuni ġuridiċi, ma jistgħux jibbenefikaw mill-eċċezzjoni ta' kopja privata, min-naħa waħda, u l-finanzjament tal-kumpens minħabba din l-eċċezzjoni mill-baġit ġenerali tal-Istat, min-naħa l-oħra. Kien ikun mod ieħor biss li kieku taxxa speċifika kienet introdotta għall-finijiet ta' dan il-finanzjament, iżda dan ma huwiex il-każ tas-sistema Spanjola inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

32 — L-intenzjoni tiegħi ma hijiex li nikkritika s-sistema tat-tariffa, għaliex ma huwiex is-suġġett inkwistjoni f'din il-kawża. Għalhekk m'iniex ser nidħol fid-dettalji ta' dan is-suġġett. Ċerti problemi ġew indikati mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha. Id-diversi kwistjonijiet li tqajjem is-sistema tat-tariffa fl-epoka diġitali huma s-suġġett ta' letteratura abbundanti. Bħala eżempju, ara: Latreille, A., *op.cit.*; Majdan, J., u Wikariak, S., (ed.) "Czy można sprawiedliwie obliczyć opłatę za kopiowanie utworów?", Gazeta prawna tas-16 ta' Settembru 2015; Sikorski, R., "Jeśli nie opłata reprograficzna to co?", Gazeta prawna tat-30 ta' Settembru 2015; Still, V., "Is the copyright levy system becoming obsolete? The Finnish experience", Tijdschrift voor auteurs-, media- & informatierecht, 2012/6, p. 250 sa 258; Troianiello, A., "La rémunération de la copie privée à l'épreuve de la révolution numérique", Revue Lamy Droit de l'immatériel, Nru 73 (2011), p. 9 sa 14, u, tal-istess awtur, "'Fluctuat nec mergitur?' Réflexions sur les vicissitudes du dispositif de rémunération de la copie privée", Petites affiches, Nru 228 (2011), p. 5. Ara wkoll ir-rapport ta' F. Castex għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew, tas-17 ta' Frar 2014, dwar it-tariffi għal kopja privata [2013/2114(INI)].

33 — Ara l-punti 16 u 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — Ir-riflessjonijiet li wasslu għal dan is-suġġett fil-Finlandja huma rrakkontati minn Still, V., *op.cit.*

52. Fl-opinjoni tiegħi, il-finanzjament tal-kumpens mill-baġit ġenerali tal-Istat għalhekk ma jmurx kontra l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Padawan[35], għaliex dan ma huwiex il-każ ta' twessigħ tal-kamp tat-tariffa għall-persuni taxxabbli kollha, iżda sistema ta' finanzjament ibbażata fuq loġika differenti. Bl-istess mod, jien ma narax kif din is-sistema tista' tmur kontra l-kliem tad-Direttiva 2001/29. Din id-direttiva ma tirregolax, fil-fatt, il-mod ta' finanzjament tal-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata, sakemm dan il-kumpens ikun ġust. Dan l-aħħar punt ser jiġi ttrattat fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni domanda preliminari.

Risposta għall-ewwel domanda

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-kumpens ġust li jissemma fih jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Istat.

*Dwar it-tieni domanda*

54. Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-ammont tal-kumpens li jissemma fih jiġi ffissat fil-limiti baġitarji stabbiliti *a priori* għal kull sena finanzjarja, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-għanijiet ta' dan l-iffissar, l-ammont ta' dannu stmat subit mid-detenturi tad-drittijiet. Il-kuntest ġuridiku u fattwali intern ta' din id-domanda huwa dan li ġej.

55. L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-kuntest ġuridiku, id-Digriet Liġi Rjali 20/2011[36], kif ukoll id-Digriet Irjali 1657/2012[37], jipprevedu li l-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' stima ta' dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet. Madankollu, skont l-istess Digriet Irjali 1657/2012[38], l-ammont tal-kumpens huwa stabbilit b'digriet ministerjali "fil-limiti baġitarji stabbiliti għal kull sena finanzjarja". Għandu jitfakkar li huwa preċiżament id-Digriet Irjali 1657/2012 li huwa s-suġġett tar-rikors għal annullament fil-kawża prinċipali. Għalhekk jien ma nikkondividix id-dubju li donnu għandha l-Kummissjoni dwar ir-rilevanza tat-tieni domanda preliminari għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, jekk il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa l-validità tad-Digriet Irjali 1657/2012, dan għandu jsir kemm fid-dawl tad-dritt intern, li hija kwistjoni li ma tinteressaniex hawnhekk, kif ukoll fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

56. It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-kuntest fattwali, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiddikjaraw li, fis-snin wara l-introduzzjoni tal-kumpens iffinanzjat mill-baġit tal-Istat, l-ammonti allokati għal dan il-kumpens kienu jilħqu ftit iktar minn EUR 8.6 miljun għas-sena finanzjarja 2013 u EUR 5 miljun għas-sena finanzjarja 2014, filwaqt li dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet kien ġie stmat EUR 18.7 miljun u EUR 15.2 miljun, rispettivament.

57. Għalhekk għandu jiġi analizzat jekk, skont id-Direttiva 2001/29, l-Istat Membru li jiddeċiedi li jintroduċi l-eċċezzjoni ta' kopja privata u li jiffinanzja l-kumpens minħabba din l-eċċezzjoni mill-baġit tal-Istat jistax jillimita l-ammont ta' dan il-kumpens b'tali mod li ma jkunx kopert fit-totalità tiegħu, jew lanqas fil-parti l-kbira tiegħu, id-dannu stmat subit mid-detenturi tad-drittijiet minħabba l-imsemmija eċċezzjoni.

35 — C-467/08, EU:C:2010:620.

36 — L-għaxar dispożizzjoni addizzjonali, punt 3.

37 — It-tieni paragrafu tal-Artikolu 3. Ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3. Ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58. Sabiex nirrispondi għal din id-domanda ma noqgħodx lura milli nirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eċċezzjoni ta' kopja privata[39]. Ċertament, nikkunsidra li, kif żviluppajtha jien fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel domanda, sa fejn din il-ġurisprudenza tikkonċerna l-mod ta' finanzjament tal-kumpens minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata, ma hijiex rilevanti ħlief fil-każ ta' sistema ta' tariffa. Min-naħa l-oħra, il-prinċipji ġurisprudenzjali relatati mar-riżultat, jiġifieri mal-effett tal-kumpens mixtieq mil-leġiżlatur, huma indipendenti mill-mod ta' finanzjament ta' dan il-kumpens u għalhekk jistgħu jkunu trasposti għal kumpens iffinanzjat permezz ta' mezzi oħra.

59. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta, l-ewwel nett, li l-kunċett ta' kumpens ġust fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni[40]. Iż-żewġ termini li jifformaw dan il-kunċett għandhom għalhekk jirċievu interpretazzjoni koerenti fl-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna t-terminu "ġust", Stat Membru ma għandux dritt jikkunsidra ġust kumpens li ma jissodisfax ċerti kriterji stabbiliti, b'mod partikolari, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq tad-Direttiva 2001/29.

60. It-tieni nett, ġie deċiż li l-eċċezzjoni ta' kopja privata għandha tinkludi sistema intiża sabiex tikkumpensa lid-detenturi tad-drittijiet għad-dannu subit minħabba din l-eċċezzjoni[41]. Għalhekk, il-kumpens ġust għandu jitqies li huwa l-korrispettiv tad-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet u jiġi kkalkolat skont dan id-dannu[42].

61. Finalment, u t-tielet nett, l-obbligu li jiġi kkumpensat id-dannu subit minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata huwa obbligu ta' riżultat impost fuq l-Istat Membru li jkun introduċa din l-eċċezzjoni[43].

62. Għalhekk tali Stat Membru ma jissodisfax l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 jekk ma jipprovdix sistema li tikkumpensa effettivament id-dannu subit mid-detenturi ta' drittijiet minħabba l-kopja privata sal-limitu ta' dan id-dannu, stmat skont ir-regoli fis-seħħ fl-imsemmi Stat Membru f'dan il-qasam. Dan il-kumpens għalhekk għandu neċessarjament jiġi kkalkolat abbażi tad-dannu stmat u ma jistax ikun *a priori* limitat għal ammont iżgħar.

63. F'sistema bbażata fuq it-tariffa miġbura fuq it-tagħmir li jippermetti li jsiru kopji privati, jista' jitqies li d-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet jiddependi, tal-inqas parzjalment, min-numru ta' tali tagħmir mibjugħ. Il-varjazzjonijiet tal-ammont miġbur minħabba t-tariffa għalhekk ma jqegħidx fid-dubju n-natura ġusta, fis-sens tad-Direttiva 2001/29, tal-kumpens, għaliex dawn il-varjazzjonijiet jirriflettu dawk tal-ammont tad-dannu.

64. F'sistema fejn il-kumpens huwa ffinanzjat direttament mill-baġit tal-Istat, din il-varjazzjoni awtomatika ma tapplikax. L-ammont tal-kumpens mogħti lid-detenturi tad-drittijiet għandu għalhekk, bħala prinċipju, jikkorrispondi għall-ammont tad-dannu stmat subit minn dawn tal-aħħar minħabba l-eċċezzjoni ta' kopja privata.

65. F'dan ir-rigward, m'iniex konvint mill-argumenti ppreżentati mill-Gvern Spanjol, li l-limitazzjoni tal-fondi previsti għall-ħlas tal-kumpens minħabba l-kopja privata għal ammont iktar baxx mill-ammont stmat tad-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet hija inerenti fis-sistema ta' pjanifikazzjoni baġitarja.

39 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata, b'mod partikolari, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 37).

41 — *Ibidem* (punt 39).

42 — *Ibidem* (punti 40 u 42).

43 — Sentenza Stichting de Thuiskopie (C-462/09, EU:C:2011:397, punti 34 u 39).

66. L-ewwel nett, fi Stat modern, il-maġġoranza tal-ispejjeż tal-baġit jirriżultaw minn obbligi legali, mingħajr ma l-ammont eżatt ta' dawn l-ispejjeż ikun prevedibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-liġi dwar il-finanzi. Madankollu, ma huwiex legalment possibbli li ma jsirux dawn il-ħlasijiet u s-sistema baġitarja tinkludi tekniki li jippermettu li jitwettqu dawn l-obbligi.

67. It-tieni nett, għalkemm huwa veru li l-ispejjeż tal-baġit għandhom ikunu previsti minn qabel, dawn il-previżjonijiet għandhom isiru abbażi ta' informazzjoni preċiża u affidabbli. Għal dan il-għan, b'mod partikolari huwa possibbli li l-kalkolu jsir abbażi tal-ammont tal-ispiża simili tas-sena finanzjarja preċedenti [44].

68. Barra minn hekk, f'dak li jikkonċerna l-argument tal-istess gvern ibbażat fuq il-prinċipju ta' politika baġitarja b'saħħitha, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-istess prinċipju jirrikjedi li jsir studju tal-impatt ekonomiku u baġitarju ta' kull leġiżlazzjoni ġdida. Li kieku kien sar tali studju qabel il-bidla tas-sistema ta' finanzjament tal-kumpens minħabba l-kopja privata, l-awtoritajiet Spanjoli kienu jkunu jafu l-ammonti neċessarji sabiex jiġi żgurat kumpens ġust.

69. Fl-opinjoni tiegħi, huwa għalhekk perfettament possibbli li jiġi żgurat kumpens ġust, fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-finanzjament ta' dan il-kumpens mill-baġit ġenerali tal-Istat. Madankollu, dan il-kumpens ma jistax jiġi limitat *a priori* u b'mod riġidu għal livell li ma jiħux inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-ammont tad-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet, kif stmat skont ir-regoli applikabbli f'dan il-qasam fid-dritt intern tal-Istat Membru kkonċernat.

70. Għalhekk, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-ammont tal-kumpens li jissemma fih jiġi ffissat fil-limiti baġitarji stabbiliti *a priori* għal kull sena finanzjarja, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-għanijiet ta' dan l-iffissar, l-ammont stmat tad-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet.

## Konklużjoni

71. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo (qorti suprema) kif ġej:

1) L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-kumpens ġust li jissemma fih jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Istat.

2) L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-ammont tal-kumpens ġust li jissemma fih jiġi ffissat fil-limiti baġitarji stabbiliti *a priori* għal kull sena finanzjarja, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-għanijiet ta' dan l-iffissar, l-ammont stmat tad-dannu subit mid-detenturi tad-drittijiet.

44 — Biex nieħu l-iktar eżempju sempliċi, jekk is-somma intiża għall-finanzjament tal-kumpens minħabba l-kopja privata fil-baġit tal-Istat Spanjol għal 2014 kienet ġiet ikkalkolata abbażi tad-dannu stmat fl-2013 (infakkar, EUR 18.7 miljun), hija mhux biss setgħet tkopri d-dannu stmat fl-2014 (EUR 15.2 miljun), iżda wkoll kien jibqa' ż-żejjed.